MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 232/2012

Kawza fil-lista: 27

**Y W**
**vs**
**V T**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici pprezentat fit-12 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima u minn liema relazzjoni kellhom zewgt itfal u cioe N T, li twieldet fil-15 ta' Settembru 2005 u C T fis-16 ta' Gunju 2003;

Illi l-minuri tfal qed jghixu esklussivament ma' l-esponenta;

Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti numru 770/10, l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' tmenin Ewro (80) fil-gimgha u liema manteniment qatt ma hallsu fil-hin;

Illi l-esponenta tixtieq li jkollha fdata f'idejha il-kura u l-kustodja tal-minuri b'mod esklussiv;

Illi minkejja li saret medjazzjoni din rizultat fin-negattiv u kwindi kellha issir din il-kawza;

Illi ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant jghid ghaliex l-intimat il-ghala m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:
1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri ulied il-partijiet, N T, li twieldet fil-15 ta' Settembru 2005 u C T fis-16 ta' Gunju 2003, tinghata b'mod esklussiv lill-esponenta omm;

2. Tordna li l-intimat ihallas lill-esponenti dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti tiffissa bhala manteniment ghall-minuri N T, li twieldet fil-15 ta' Settembru 2005 u C T li twieldet fis-16 ta' Gunju 2003.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici.

Rat li l-konvenut ghalkemm notifikat b'kopja tar-rikors guramentat baqa' ma pprezentax risposta guramentata u lanqas deher f'dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidat;

Fl-affidavit taghha l-attrici tispjega illi hija weldet liz-zewg minuri fuq imsemmija minn relazzjoni extra-matrimonjali li kellha mal-konvenut. Minn mindu twieldu iz-zewg minuri dejjem kienu fil-kura tal-attrici u l-konvenut l-ahhar li ra l-minuri kien circa tlett snin ilu meta l-partijiet hassru r-

relazzjoni ta' bejniethom. Hija spjegat li kienet decizzjoni tal-konvenut li ma jarax aktar lill-uliedu.

Miz-zmien li beda ma jarhomx naqas milli jikkontribwixxi ghall-ghejxien taghhom. Kien ghalhekk li l-attrici kienet kostretta tipprocedi b'talba lill-Qorti sabiex tistabbilixxi manteniment pendente lite. B'digriet tad-19 ta' Mejju 2010 il-konvenut gie ordnat ihallas ir-rata ta' Euros 80 fil-gimgha ghaz-zewg minuri. L-attrici tispjega illi kien hemm okkazzjonijiet fejn l-attrici kellha tipprezenta kwereli kontra l-konvenut peress li ma kienx qed ihallasha manteniment ghat-tfal u f'okkazzjoni minnhom inghata piena karcerarja.

Ikkunsidrat;

Mill-provi mhux kontradetti imressqa, il-Qorti hi tal-fehma li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja taghhom tigi affidata lill-attrici.

Dwar it-talba tal-attrici fir-rigward tal-manteniment li ghandu jhallas il-konvenut ghall-minuri jigi osservat illi l-attrici ma resqitx provi dwar id-dhul tal-konvenut. Mill-banda l-ohra ma tresqu l-ebda provi da parti tal-konvenut li huwa ma jistax imantni liz-zewg uliedu minuri.

Il-Qorti tosserva illi sa mid-19 ta' Mejju 2010 meta inghata digriet dwar manteniment *pendente lite* favur il-minuri, il-konvenut kien obbligat li jhallas is-somma ta' Euros 80 fil-gimgha bhala manteniment. Il-konvenut ghandu pero' jikkontribwixxi wkoll ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri li kull ma jmur immankabilment jizdiedu. Ghaldqstant fic-cirkostanzi il-Qorti hi tal-fehma illi huwa dritt tal-minuri li l-missier ikompli jikkontribwixxi manteniment kif gia' stabbilit bid-digriet precitat u mieghu jizdied nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri ulied il-partijiet N T u C T imwielda fil-15 ta' Settembru 2005 u fis-16 ta' Gunju 2003 rispettivament,

tkun affidata esklussivament f’idejn ommhom, l-attrici Y W.

2. Tilqa’ t-tieni talba, tiffissa bhala manteniment li l-konvenut ghandu jhallas fir-rigward taz-zewg minuri imsemmija fir-rata ta’ tmein ewro fil-gimgha, u cioe’ erbghin ewro fil-gimgha ghall-kull minuri, kif ukoll li jhallas nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha tal-minuri;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici is-somma ta’ tmenin ewro fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri kif ukoll nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha tal-minuri.

4. Tordna li (a) l-manteniment fir-rata ta’ tmenin ewro fil-gimgha jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja; u (b) il-manteniment jibqa’ jithallas anke wara li l-minuri jaghlqu tmintax-il sena jekk jibqghu jistudjaw full-time u dan sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrien sena.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------